Qorti tal-Maġistrati (Għawdex),
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

**Kawża Numru: 75/2016 PC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Adam Callus ta' 25 sena iben Joseph u Joanne nee' Polidano imwieled Pieta' fis- 26/01/1991. Residenti numru 6, Triq l-Imgħallem, Rabat, Għawdex. Kif ukoll No 4 Block B, Binja Santa Lucija Mtarfa. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 110391 (M).**

Illum l-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2016.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi li ġew miġjuba kontra l-imputat Adam Callus, li ġie akkużat akkużat talli nhar l-14 ta' Novembru 2016 u s-17 ta' Novembru 2016 fir-Rabat, f'Għawdex, b`diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda:-

Talli fil-ħinijiet bikrija u ċioe' għal ħabta ta' 02.40 hrs tal-14 ta' Novembru 2016 fir-Rabat Għawdex ikkommetta serq ta' flus għad-dannu ta' Simon Sultana u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur,u bil-ħin. U dan bi ksur tal-artikoli 18, 263, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talli fis-17 ta' Novembru 2016 fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar u ċioe' għal ħabta' ta' 16.00hrs fir-Rabat Għawdex, ikkommetta serq ta' basket għad-dannu ta' Antoine John Cefai u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz. U dan bi ksur tal-artikoli 18 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll tali fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta wara li kien instgħab ħati ta' reati b'sentenza mogħtija

mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Kif ukoll tali fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, kiser ordni ta' *probation* liema ordni ġiet fis-seħħ nhar it-13 t' Ottubru 2016 mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud LLD. liema ordni saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi kif dedotti, u dan wara li l-Qorti wissietu biex jerġa' jikkonsidra din l-ammissjoni.

In vista' ta' din l-ammissjoni ssib lill-imputat ħati, u wara li rat l-artikoli 18, 263, 267, 270, 271 (g), u wara li rat ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista' tal-ammissjoni bikrija tal-istess imputat u l-koperazzjoni tiegħu mal-pulizija, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ peress illi l-imputat għamel dawn ir-reati minħabba l-problema gravi li huwa għandu ta' dipendenza mid-droga.

Wara li rat l-art. 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għal terminu ta' priġunerija ta' sena b'effett mil-lum, b'rakkomandazzjoni illi d-Direttur tal-Ħabs jara illi l-imputat jintbgħat għall-kura meħtieġa għal problema li għandu.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur